# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 23 ta' Marzu 2023**

**Appell numru 249/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Joseph PULLICINO**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Mejju 2022 kontra l-appellat Joseph PULLICINO (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 0774251M) fejn ġie mixli talli:

   Fis-7 ta' Mejju 2020 għall-ħabta ta' 15.15hrs fi Triq Wied Il-Għajn, Żabbar saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni BCB 256

   (i) U aktar talli bħala sid jew xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur, naqas milli jara li jkollha dejjem u f'kull żmien liċenzja taċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport Malta;

   (ii) U talli saq vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq;

   (iii) U talli saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

   (iv) U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti,

ikkaġuna ħruq jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa minħabba f'hekk Mariah Jean Debono bgħatiet offiża gravi fuq il-persuna li tkun ġabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifikata Dr. Francesca Spiteri MD mill-MDH;

(v) U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolament tat-traffiku, involontarjment ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Nicolette Debono skond kif iċċertifikaha Dr. Carlo Refalo MD mill-MDH.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni laqgħet it-talba tal-preskrizzjoni u ddikjarat din l-imputazzjoni bħala preskritta b'terminu ta' sitt xhur ai termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-imputat appellat mill-bqija tal-imputazzjonijiet.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tilqa' l-ewwel aggravju u tiddikjara s-sentenza nulla u konsegwentement tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-każ li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel aggravju, tvarja s-sentenza appellata billi minflok issib lill-appellat PULLICINO ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u tinfliġġi piena xierqa u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u dan wara li (in suċċint) stqarret hekk:

(i) L-ewwel aggravju: in-nullita' tas-sentenza appellata u dan stante li filwaqt li s-sentenza appellata hija datata 3 ta' Mejju 2020 (fol.90) jirriżulta mill-verbal relattiv (fol. 39) li fil-fatt, is-sentenza ngħatat fit-18 ta' Mejju 2020;

(ii) It-tieni aggravju: il-Qorti tal-Maġistrati waslet għall-konklużjoni żbaljata meta ddeċidiet li tillibera lill-imputat anki mir-raba' u mill-ħames imputazzjonijiet.

## Ċ. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**L-Ewwel Aggravju – In-Nullita' tas-sentenza appellata**

4. Illi f'dan l-ewwel aggravju tagħha, l-Avukat Ġenerali tattakka l-validita' tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali abbażi tal-fatt illi jirriżulta li hemm diskrepanza bejn id-data indikata fil-kopja uffiċjali tas-sentenza li tinsab f'paġna 90 tal-atti proċesswali u dik li tirriżulta li ngħatat minn verbal li jinsab f'paġna 39 tal-istess. Id-data indikata fil-verbal li jinsab f'paġna 39 tal-atti proċesswali bħala d-data li fiha ngħatat is-sentenza kontra l-imputat appellat PULLICINO hija dik tat-18 ta' Mejju 2022 filwaqt li d-data indikata fuq id-data tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tinsab f'paġna 90 kif ingħad hija dik tat-3 ta' Mejju 2022.

5. Il-ġurisprudenza tgħallem li kopja uffiċjali tas-sentenza titiqes li tkun jew dik il-kopja kollazjonata, jew dik dattilografata li jkun fiha l-firma tal-Maġistrat li jkun ipprounzjaha jew dik li tkun maħruġa mid-Deputat Reġistratur fil-forma stampata li tkun tinsab fil-proċess, jew dik maħruġa fil-forma stampata u li tkun ġiet iffirmata mid-Deputat Reġistratur flimkien mal-Maġistrat. Dan jgħodd b'mod partikolari għal dawk is-seduti ta' natura sommarja. F'dawn il-proċeduri wieħed isib diversi modi kif dik il-Qorti żżomm kont tad-deċiżjonijiet tagħha. Ġieli jkun hemm drabi fejn il-parti dispożittiva tkun miktuba mill-Maġistrat fuq il-komparixxi, ġieli jkun hemm drabi oħra fejn id-deċiżjoni tal-Maġistrat tkun tinsab verbalizzata fil-verbal tas-seduta u bosta drabi jkun hemm ukoll kopja stampata ta' dak li l-Maġistrat ikun iddeċieda.

6. Meta jkun hemm iżjed minn dokument wieħed ta' din in-natura, huwa importanti li dak miktub fuqhom ikun jaqbel wieħed mal-ieħor. Ikollha bilfors issir distinzjoni legali bejn dawn id-dokumenti. Il-ġurisprudenza fil-fatt tagħmel distinzjoni bejn il-kopja uffiċjali tas-sentenza ffirmata mid-Deputat Reġistratur, dik li tkun stampata u ffirmata mill-Maġistrat u dawk li huma l-appunti magħmulin mill-Maġistrat bil-kitba tiegħu stess di proprio pugno fuq il-komparixxi jew fuq xi dokument ieħor. Il-ġurisprudenza tgħallem li dik li torbot hija d-deċiżjoni kif imniżżla fis-sentenza stampata u iffirmata mid-Deputat Reġistratur, mill-Maġistrat jew mit-tnejn, u mhux l-appunti tal-Maġistrat fuq il-komparixxi jew dak li jkun setgħa ġie verbalizzat. Anzi, meta fil-proċess ikun hemm dik il-kopja stampata u firmata kif ingħad, din tingħata l-preċedenza fuq kwalunkwe dokument ieħor li jkun jista' jattesta dak li l-Maġistrat setgħa kellu f'moħħu li jiddeċiedi.

7. F’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza, fost oħrajn għall-kawżi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis,**[1] **Il-Pulizija vs. Nazzareno Camilleri,**[2] **Il-Pulizija vs. Joseph Pisani,**[3] **Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud,**[4] u **Il-Pulizija vs. Aryna Zrakava.**[5]

8. Dan il-prinċipju regolatur huwa rilevanti b’mod partikolari f’każ li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tkun tat is-sentenza tagħha kontra l-imputat. F’dan il-każ is-sentenza tkun trid tikkontjeni u tirrispetta l-formalitajiet rikjesti ad validitatem mid-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn ir-rekwiżiti essenzjali jridu jkunu jirriżultaw minn dik il-kopja uffiċjali tas-sentenza ffirmata mill-Maġistrat jew mid-Deputat Reġistratur jew mit-tnejn. In-nuqqas ta’ ħarsien tal-formalitajiet rikjesti mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jrendi s-sentenza nulla, liema nullita tista’ wkoll tiġi ssolevata mill-Qorti ‘ex officio’.

9. In-nuqqas ta’ indikazzjoni preċiża tad-data li tinsab fuq il-kopja stampata tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati mhix waħda minn dawk ir-rekwiżiti li jinsabu mniżlin fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda dan in-nuqqas ġie interpretat mill-ġurisprudenza bħala nuqqas ta’ dettall indispensabbli għall-validita’ ta’ dik is-sentenza. Id-data tas-sentenza mhix formaliżmu żejjed iżda parti essenzjali mis-sustanza tas-sentenza in kwantu tipprovdi ċertezza dwar iż-żmien tal-ġudizzju. Huwa rekwiżit tant ovvju kwantu jassikura r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja minħabba li minbarra li jiċċirkoskrivi l-parametri temporali perentorji tad-dritt tal-appell tal-partijiet minn dak il-ġudizzju, jistabbilixxi wkoll il-punt tat-tluq minn meta ċerti konsegwenzi tas-sejbien ta’ ħtija jistgħu jibdew jiskattaw.

10. Huwa minnu li n-nuqqas ta’ ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jikkontemplaw il-piena tan-nullita tas-sentenza b’mod tassattiv biss f’każ fejn tingħata sentenza kontra l-imputat. Iżda r-rekwiżit tad-data fuq sentenza penali hija rekwiżit tant ovvju daqskemm indispensabbli li n-nuqqas ta’ indikazzjoni preċiża tagħha fuq is-sentenza infisha huwa meqjus mill-ġurisprudenza bħala nuqqas ta’ tħaris ta’ regola t’**ordni pubbliku** li jwassal anki għan-nullita tas-sentenza sollevabbli ‘ex officio’. Dan

[1] Qorti tal-Appell Kriminali 14 ta’ Marzu 2011
[2] Qorti tal-Appell Kriminali 31 Ottubru 2013
[3] Qorti tal-Appell Kriminali 6 ta’ Lulju 2021
[4] Qorti tal-Appell Kriminali 3 ta’ Diċembru 2019
[5] Qorti tal-Appell Kriminali 10 Diċembru 2019

huwa riskontrabbli f'sentenzi ta' din il-Qorti diversament ippreseduta f'kawżi, fejn kienet tirriżulta diskrepanza bejn id-data mniżżla fil-kopja formali tas-sentenza mogħtija u dik id-data mniżżla fl-atti proċesswali, fosthom fil-kawżi **Il-Pulizija vs. George Gatt** deċiża nhar il-25 ta' Ġunju 2020, **Il-Pulizija vs. David Julius Carmelino Sciberras** deċiża nhar it-12 ta' Diċembru 2019, **Il-Pulizija vs. Peter Axisa** deċiża nhar it-30 ta' Novembru 2017, **Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud** deċiża nhar it-3 ta' Diċembru 2019.

11. Mill-atti proċesswali jirriżulta li s-sentenza stampata mir-Reġistratur ġiet iffirmata mhux biss minnha iżda wkoll mill-Maġistrati. Din allura hija l-kopja uffiċjali li tikkostitwixxi stat fil-konfront ta' terz. Ġara f'dan il-każ li d-data ta' din is-sentenza hija indikata li ngħatat fit-3 ta' Mejju 2022. Iżda hemm ukoll il-verbal tas-seduta datat 18 ta' Mejju 2022 fih ukoll imniżżel notamenti li jindikaw dak li l-Maġistrat riedet li tkun il-parti dispożittiva tas-sentenza. Iżda, kif intwera iżjed il-fuq, dan il-verbal ma jistax jitqiesx bħala sostitut għall-kopja uffiċjali tas-sentenza li tinsab f'paġna 90 u l-anqas jista' jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tagħha. B'dan il-mod allura ċ-ċertezza tal-ġudikat ġie mxejjen in kwantu l-verbal jgħid li d-deċiżjoni ttieħdet fit-18 ta' Mejju 2022 mentri l-kopja uffiċjali tas-sentenza tgħid li din ingħatat fit-3 ta' Mejju 2022. Din id-diskrepanza sfortunata, għalkemm hija probabbilment frott ta' żball fit-tipa, mhix meqjusa mill-ġurisprudenza bħala żball sanabbli meta jkun sar fid-data ta' meta ġie pronunzjata s-sentenza. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

# DECIDE

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar u tannula s-sentenza appellata u konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-imputat mill-benefiċċju tad-doppio esame, tibgħat lura l-proċess fl-ismijiet premessi lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jerġa' jiġi deċiż mill-ġdid skont il-Liġi.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**